MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 902/1998/1

**Fiona Spagnol f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Nathan u Shanice, u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2000 gie mizjud l-isem tal-minuri Shaian (ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' Digriet numru 48/97).**

**vs**

**Andrew Spagnol.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-esponenti u Andrew Spagnol izzewgu fit-18 ta' Gunju 1988.

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied Nathan ta' sitt snin u Shanice ta' sena u nofs u wkoll Shaian.

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba f'sevizzi da parti tal-konvenut kif ukoll minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru.

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment.

Illi l-attrici giet awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla tat-3 ta' Marzu 1998 biex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Illi bl-istess digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-attrici giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' wlied minuri msemmija.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenut u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma' zewgha.

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri msemmija tigi fdata lill-attrici.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-kontendenti u tassenjahhom skond kif il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

5. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikoli relevanti tal-Kodici Civili.

6. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 13 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 ta' April 1999; tas-6 ta' Mejju 1999 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarja biex tigbor il-provi; tal-14 ta' Ottubru 1999; u tas-16 ta' Marzu 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarja.

Rat ir-rikors tal-attrici Fiona Spagnol tal-14 ta' April 2000 fejn talbet li kull fejn fic-citazzjoni, fit-talbiet u fid-dikjarazzjoni saret riferenza ghall-minuri Nathan u Shanice, jizdied ma' dawn ukoll l-isem tal-minuri Shaian.

Rat ukoll iehor tal-attrici datat 7 ta' Lulju 2000 li permezz tieghu talbet l-awtorizzazzjoni ghat-tahrika ta' Giuseppi Vassallo ta' *Vassallo Builders Development* (ta' Dr. Chetcuti Street, Mosta – u cjoe' l-*employer* tal-konvenut) bhala xhud, sabiex ikun jista' jixhed dwar il-paga li ghandu l-istess konvenut.

Rat il-verbali tad-9 ta' Ottubru 2000 fejn b'riferenza ghar-rikors tal-14 ta' April 2000, laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mitluba.  Wara li semghet lil Dr. Anthony Cutajar ghall-attrici, laqghet ukoll it-talba maghmula fir-rikors tas-7 ta' Lulju 2000; tat-12 ta' Frar 2001; tal-15 ta' Gunju 2001 tat-22 ta' Novembru 2001; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.; tal-14 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2002.

Rat ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A). MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.

Illi din hija kawza ta' seperazzjoni fejn l-attrici qed tallega li l-hajja mizzewga ma hijiex aktar possibbli kawza ta' sevizzi *da parte* tal-konvenut fil-konfront taghha u wkoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

### (B). PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici biss, anke ghaliex l-istess konvenut baqa' kontumaci, jirrizulta li l-kontendenti, l-konjugi Spagnol, izzewgu fit-18 ta' Gunju 1988, u llum ghanhom tliet (3) itfal, Nathan, Shanice, u Shaian, l-ahhar wahda twieldet fil-mori tal-kawza.

Illi mix-xhieda tal-attrici, senjament dik moghtija fl-4 ta' April 2000 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi, jirrizulta li din allegat li l-konvenut ghandu vizzju tax-xorb, u kien qabad din il-hajja minn xi sena mid-data taz-zwieg, li jmur jixrob fil-kazini, u meta jirritorna d-dar kien ikun hemm hafna ghajjat, tghajjir u anke kien isir vjolenti, u dan bil-konsegwenza li anke tilef diversi drabi x-xoghol li kien ikollu, u jhalli lill-familja fin-nuqqas, tant li l-attrici qalet li gieli kellha tiddejjen.

Illi dan l-inkwiet l-attrici ssostni li baqa' jippersisti anke fil-mori ta' din il-kawza, u minkejja li l-istess attrici welldet tarbija fil-mori tal-istess kawza, tant li sostniet li:-

*"Kull hmistax qed jigi r-ragel fis-sakra, iqajjem lit-tarbija, jaghmel l-istorbju u hafna drabi tkun ser taqaghlu….".*

Illi dawn l-incidenti baqghu jirrepetu ruhhom kif xehdet l-istess attrici fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2001, u rrakkontat incident fejn l-istess konvenut dahal fis-sakra d-dar ghall-habta ta' tlieta ta' fil-ghodu (3.00.a.m.), u kien vjolenti wkoll tant li l-istess attrici ghamlet rapport l-ghassa, tressaq il-Qorti, u beda' programm tas-*Sedqa* u

ghamel zmien ma jixrobx, pero' xorta l-istess attrici ssostni li tibza' minnu.

Illi sostniet li mhux l-ewwel darba li ma kienx imantniha, u meta kien jaghtiha flus kien jaghtiha biss xi Lm10 jew Lm20 kull gimaghtejn. Fil-fatt mix-xhieda ta' Silvio Izzo Savona moghtija minnu fit-3 ta' Lulju 2000 (fol.22) jirrizulta li l-istess attrici kellha tirrikorri ghall-ghajnuna u assistenza socjali, u dan ghaliex ovvjament ma gietx mantnuta mill-istess konvenut, u ilha f'din is-sitwazzjoni mit-3 ta' Mejju 1997. Konsistenti ma' dan qalet jirrizulta li mill-1 ta' Ottubru 2000 hija bdiet tiehu s-somma ta' Lm34.80 bhala assistenza socjali. Apparti dan hija tircievi wkoll ic-*Children's Allowance* fuq isimha, ghat-tliet uliedha.

Illi jidher ukoll mill-provi prodotti li l-konvenut ma kienx qed imantni lill-attrici *nonostante* d-digriet tas-Sekond' Awla Numru 234/98 moghti fit-3 ta' Marzu 1998, fejn l-istess konvenut gie kkundannat sabiex ihallas is-somma ta' Lm17 bhala manteniment, maqsuma zewg liri (Lm2) ghaliha u hmistax-il lira (Lm15) ghall-istess minuri.

Illi d-dar matrimonjali jidher li giet akkwistata mill-konvenut permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Jannar 1988 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, u ghalhekk hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, ghaliex inxtrat qabel iz-zwieg tal-kontendenti fit-18 ta' Gunju 1988, ghalkemm l-attrici ssostni li hija kienet tat lill-konvenut is-somma ta' Lm1,600 sabiex ikun jista' jsir tali trasferiment. Sostniet ukoll li dokumenti dwar dan hija ma ghandhiex x'turi jew tesebixxi.

Illi mill-istess kuntratt jidher li d-dar matrimonali nxtrat bil-prezz ta' sitt elef u tmien mitt lira Maltija (Lm6,800) li minnhom thallset akkont tal-prezz is-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400), fil-waqt li l-konvenut ottjena self mill-Lohombus Corporation Limited ta' Lm5,400, u jidher ukoll minn rendikont tal-istes Korporazzjoni li sas-7 ta' April 2000, kien ghad baqa' bejn wiehed u iehor l-istess ammont ta' dejn fuq l-istess post ta' Lm5,604.44 kif jinsab esebit fl-atti processwali.

Illi jidher ukoll li l-istess konvenut ghandu mpjieg u almenu mix-xhieda ta' Joseph Vassallo ghan-nom tas-socjetajiet V.B. Developments Limited u J & M Holdings Limited sal-11 ta' Dicembru 2000 il-konvenut kien jahdem fuq xoghol tal-bini mal-ahhar socjeta' msemmija bhala *labourer* u kellu paga ta' hamsa u sittin lira Maltija (Lm65) fil-gimgha, li minnha kien jaqbad f'idejh tmienja u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm58.50) fil-gimgha, li tammonta ghal mija u sbatax il-lira Maltija (Lm117) kull gimghatejn. Mill-istess somma kien jitnaqqas l-ammont ta' tletin lira Maltija (Lm30) kull hmistax sabiex l-istess jintbaghtu direttament lill-Lohombus, u ghalhekk in verita' l-konvenut kien jibqaghlu f'idejh l-ammont ta' Lm87 kull hmistax.

Illi skond id-dokument esebit bhala Dok. "GV1" jidher li l-istess konvenut baqa' jahdem mas-socjeta' "J & M Holdings Limited" jirrizulta li l-konvenut kellu paga netta ta' tlieta u sittin lira Maltija (Lm63) fil-gimgha, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istess Joseph Vassallo ghan-nom tal-istess socjeta' fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Lulju 2001, li minnhom jitnaqqsu Lm30 kull hmistax bhala pagamenti tal-Lohomus.

Illi apparti d-dejn fuq id-dar matrimonjali, jidher li hemm debitu wkoll mal-Public Broadcasting Service fl-ammont ta' Lm260.25 kif jidher mid-dokument esebit a fol. 56 tal-process, apparti kontijiet ta' Lm24.16 u Lm126.09 (fol. 65) tal-Maltacom.

Illi dwar mobbli sostniet li proprjeta' parafernali taghha tikkonsisti fis-salott, *wall-unit*, zewg *spare bedrooms*, u kamra tal-ikel.

Illi nxtraw fiz-zwieg *cooker, fridge, television, washing machine*, *heaters* u fannijiet, apparti *dehumidifier* u zewg *geysers*. Il-kcina kienet inxtrat flimkien mad-dar konjugali.

**(C) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici ghal dik li hija responsabilita' dwar it-talba ghal separazzjoni minnha mressqa gew ilkoll ippruvati *stante* li

jidher li dak kollu li wassal ghal din is-sitwazzjoni kien il-vizzju tax-xorb li ghandu l-konvenut, li baqa' jippersisti kwazi t-tul kollha tal-istess hajja mizzewga tal-kontendenti, bil-konsegwenza li mhux biss halla lill-familja tieghu nieqsa anke f'dak li huwa manteniment, u dan ghaliex kemm il-darba tilef l-impjieg tieghu, u wkoll ghaliex baqa' jonfoq il-flus fuq l-istess u ma kienx kapaci jikkontrolla ruhu, izda wkoll ghaliex kien vjolenti lejn martu u lejn uliedu, anke meta kien jaghmel storbju u jimminaccja lill-attrici, aktar u aktar meta kien ikun fis-sakra.

Illi dan kollu jwassal sabiex it-talba attrici dwar l-istess ghandha tigi milqugha skond id-dispozizzjoni tal-**artikolu 40 tal-Kap 16** kawza ta' sevizzi *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici u fuq uliedha, u b'kawza t'hekk ukoll l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

Illi huwa veru li jidher li l-konvenut fl-ahhar u fil-mori tal-kawza beda programm tas-*Sedqa* sabiex jehles jew forsi ahjar jikkontrolla dan il-vizzju tieghu, haga li missu ghamel hafna zmien ilu, pero' *nonostante* dan l-attrici sostniet li hija xorta baqghet tibza' minnu, u din il-Qorti, minhabba dak li ghaddiet minnu l-attrici, taghder lill-istess attrici, u ma thossx li ghandha tirriskja li l-attrici tghaddi mill-istess mumenti koroh, li tkun mhedda u aggredita f'darha stess minn zewgha. *Di piu'* prova li l-konvenut temm dan il-kors benefiku ghalih jew li huwa solva l-problema li kellu ma ingabitx f'din il-kawza, anke peress li l-konvenut baqa' kontumaci, u fl-ebda mument ma jidher li pprova jiggustifika l-istess.

Illi dwar il-kura u kustodja tal-ulied minuri, dawn certament u fid-dawl ta' dak fuq espost ghandhom jibqghu f'idejn l-attrici, li jidher li hadet hsiebhom sewwa tul iz-zwieg kollu, *nonostante* d-diffikultajiet ovvja li kellha.

Illi dwar access liberu tal-konvenut ghall-istess ulied, dan ma huwiex ser jigi kkunsidrat f'dan l-istadju tal-kawza, anke minhabba x-xhieda prodotta mill-attrici dwar fejn l-konvenut kien jiehu lill-minuri mieghu anke meta kien qed jixrob. Tali access ma ghandux jigi kkunsidrat qabel mal-

konvenut jibda' jew ikompli u jispicca kors relattiv mal-agenzija *Sedqa* dwar il-problema ta' xorb li kellu jew ghad ghandu, u li fih juri li tali problema giet meghluba jew tinsab taht kontroll.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-istess konvenut ghandu jara lill-uliedu taht supervizzjoni darbtejn fil-gimgha, f'nofs il-gimgha ghal siegha kull darba, bis-supervizjoni ta' *social worker* fic-Centru Hidma Socjali, li tigi nominata ghal dan l-iskop mid-Direttur tac-Centru Hidma Socjali jew mid-*Direttur tal-Agenzija Appogg* skond il-kaz, u tali granet u hinijiet jigu ffissati mill-istess Direttur jew Diretturi, b'dan li din l-ordni tkun tista' tigi esegwita pjenament, u b'dan il-Qorti ghandha tigi nformata b'nota appozita fl-atti ta' din il-kawza.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-attrici u tal-ulied *da parte* tal-konvenut, jirrizulta li ftit jew xejn il-konvenut mantna lill-istess fil-mori ta' din il-kawza li issa ilha pendenti kwazi erba' (4) snin, u dan *nonostante* d-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 3 ta' Marzu 1998, fejn il-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedha s-somma ta' Lm20 fil-gimgha, maqsuma kif inghad iktar 'il fuq.

Illi mill-provi disponibbli ghal din il-Qorti jirrizulta li l-konvenut huwa mpjegat bhala *labourer* mas-socjeta' "J & M Holdings Limited" u ghandu paga netta ta' tlieta u sittin lira Maltija (Lm63) fil-gimgha, li minnha qed jitnaqqsu kull hmistax-il gurnata s-somma ta' Lm30 sabiex isir il-pagament lill-Lohombus Corporation Limited fuq id-dejn gravanti d-dar konjugali. Dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istess Joseph Vassallo ghan-nom tal-istess socjeta' fix-xhieda tieghu tas-27 ta' Lulju 2001.

Illi tenut kont tal-premess jidher li wara li jitnaqqas dan l-istess pagament mis-salarju tal-konvenut, jirrizulta li l-konvenut jibqaghlu f'idejh l-ammont ta' sitta u disghin lira Maltija (Lm96) kull hmistax, cjoe' tmienja u erbghin lira Maltija (Lm48) fil-gimgha, u minn dan l-ammont din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghal uliedha s-somma ta' hamsa u ghoxrin

(Lm25) fil-gimgha (kwantu ghal Lm10 ghall-attrici u hmistax-il lira (Lm15) ghal uliedha), liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza matrimonjali taghha.

Illi d-dar taz-zwieg tirrizulta li hija proprjeta' parafernali tal-konvenut, u ghalhekk hija u ser tibqa' proprjeta' tal-istess *stante* li nxtrat minnu qabel iz-zwieg, b'dan pero' li fil-konfront tal-konvenut ghandhom jibqghu japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 55A u 3A tal-Kap 16,** b'dan li l-istess konvenut ma jistghax jittrasferixxi l-istess fond indiviz tal-fond matrimonjali u d-dar taz-zwieg, kif deskritt fl-att pubbliku datat 19 ta' Jannar 1988 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, hlief kif provdut fl-istess artikoli fuq indikati, u tali ordni ghandha tigi registrata mill-attrici a spejjez tal-konvenut kollox kif provdut fl-**artikolu 55 A (3) tal-Kap 16.**

Illi apparti dan l-istess konvenut ghandu jassumi l-obbligu li jhallas id-dejn kollu gravanti d-dar konjugali nkluz id-dejn li hemm fuq id-dar taz-zwieg pagabbli lill-Lohombus Corporation Limited jew lis-successuri taghha fit-titolu, anke ghaliex dan huwa dejn li jiggrava l-istess proprjeta' strettament parafernali tieghu, u dwar dan l-istess Qorti hadhet il-provedimenti li hija setghet tiehu fic-cirkostanzi, billi kkalkulat l-istess tnaqqis mill-paga tal-konvenut, kif jidher li kien qed isir fil-mori tal-kawza mill-konvenut innifsu biex jithallas tali dejn.

Illi fl-ahharnett l-attrici ghandha zzomm il-proprjeta' parafernali taghha konsistenti salott, *wall-unit*, zewg *spare bedrooms*, u kamra tal-ikel, fil-waqt li l-komunjoni tal-akkwisti tidher li tikkonsisti biss f'*cooker, fridge, television, washing machine*, *heaters* u fannijiet, apparti *dehumidifier* u zewg *geysers*, li ghandhom jinzammu wkoll mill-attrici u dan l-istess mobbli qed jigu stmati *arbitro boni viri* fl-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450), b'dan ghalhekk li l-valur li l-konvenut ikun ikkontribwixxa lill-attrici bl-assenjazzjoni tal-istess hija ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225), li ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' elf u sitt mija liri Maltin (Lm1,600) li l-konvenut

ghandu jaghti lill-attrici bhala rifuzjoni tal-beni parafernali taghha, rapprezentanti s-somma li hija avvanzat lilu qabel iz-zwieg sabiex inxtara l-istess fond matrimonjali, u b'hekk l-konvenut ikun ghad baqaghlu jaghti lill-attrici s-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltija, (Lm1,375) b'dan li l-oggetti personali tal-konvenut bhal per ezempju ilbies, li ghadhom fl-istess dar ghandhom jigu mghoddija u jibqghu proprjeta' lill-istess konvenut.

Illi din il-Qorti ma hijiex ser taghmel l-ebda ordni ghar-rigward tal-**artikolu 55A (1) tal-Kap 16,** dwar min ghandu mill-kontendenti jibqa' jghix fid-dar matrimonjali, *stante* li l-ebda talba ma giet avvanzata f'dan is-sens mill-attrici fic-citazzjoni taghha, u jidher li skond l-istess artikolu tali provediment jista' jsir biss meta jkun hemm talba f'dak is-sens minn wahda mill-partijiet.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija u htijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'diversi sevizzi prattikati mill-konvenut ghad-dannu tal-attrici u uliedha u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u tawtorizza lill-attrici tghix separat minn ma' zewgha.

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri msemmija tigi fdata lill-attrici b'dan li l-konvenut ikollu biss dritt ta' access ghal uliedha taht is-supervizzjoni ta' *social worker* li tigi nominata ghal dan l-iskop mid-Direttur tal-Agenzija Appogg jew mid-Direttur tac-Centru Hidma Socjali skond il-kaz, u dan ghal darbtejn fil-gimgha, f'zewg granet fil-gimgha, ghal siegha kull darba, fic-Centru Hidma Socjali, liema granet u hinijiet jigu ffissati mill-istess Direttur jew Diretturi skond il-kaz, u li l-istess Direttur jew Diretturi ghandhom jinformaw lill-Qorti bin-nomina tal-istess *social worker* u b'tali granet u hinijiet permess ta' nota fir-registru, u ghal dan l-iskop tordna n-notifika mill-attrici ta'

din is-sentenza lill-istess Diretturi, a spejjez tal-istess konvenut.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti thoss li sabiex jigi kkunsidrat anke fil-futur li l-istess konvenut ikollu access iktar ampju ghal uliedu, huwa ghandu qabel xejn ikompli u jispicca, jew jibda u jispicca programm tas-Sedqa dwar l-eccess fix-xorb alkoholiku, u din il-Qorti tkun lesta tikkonsidra access iktar regolari, biss wara li l-istess konvenut jissodisfa lill-Qorti li in effetti huwa jkun segwa b’success tali programm u fieq mill-kundizzjoni ta’ xorb eccessiv li jidher li huwa waqa’ vittma taghha.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-ulied minuri retta alimentarja fl-ammont ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25) fil-gimgha (kwantu ghal Lm10 ghall-attrici u hmistax-il lira (Lm15) ghal uliedha), liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu “J & M Holdings Limited” jew kull *employer* iehor tal-konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza matrimonjali taghha “Mike Vic” Flat 3, Ganni Vella Street, Mosta u ghal dan l-iskop tordna n-notifika ta’ din is-sentenza mill-attrici lill-istess *employer* a spejjez tal-konvenut.

Illi tenut kont tal-fatt li jidher li l-konvenut ma kienx qed ihallas manteniment lill-attrici u lill-uliedha waqt il-kawza *nonostante* d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedha l-arretrati ta’ manteniment provizzorju ffissati *pendente lite* bid-Digriet tas-Sekond’ Awla datat 3 ta’ Marzu 1998, u dan b’effett mill-istess data tal-imsemmi Digriet tal-istess Onorabbli Qorti sal-iskadenza tat-3 ta’ Ottubru 2002, bir-rata ta’ sbatax-il lira Maltija (Lm17) fil-gimgha kif stabbilita fl-istess Digriet.

Illi c-*Children’s allowance* ghandha tigi percepita mill-attrici *stante* li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandhom fdati f’idejha b’din is-sentenza.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti li

tikkonsisti f'*cooker, fridge, television, washing machine*, *heaters* u fannijiet, *dehumidifier* u zewg *geysers* li ghandhom jinzammu wkoll mill-attrici u dan l-istess mobbli qed jigu stmati *arbitro boni viri* fl-ammont ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450), b'dan ghalhekk li l-valur li l-konvenut ikun kkontribwixxa lill-attrici bl-assenjazzjoni tal-istess hija ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225), li ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' elf u sitt mija liri Maltin (Lm1,600) li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici bhala rifuzjoni tal-beni parafernali taghha, rapprezentanti s-somma li hija avvanzat lilu qabel iz-zwieg sabiex inxtara l-istess fond matrimonjali, u b'hekk il-konvenut ikun ghad baqaghlu jaghti lill-attrici s-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltija, (Lm1,375) u ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess ammont ta' elf, tliet mija, u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm1,375) dovuta lilha bhala parti mill-beni parafernali taghha.

Illi l-beni parafernali tal-attrici huma, apparti s-somma ta' Lm1,600, li din il-Qorti gja semmiet f'din is-sentenza, u li minnha l-istess konvenut ghad baqaghlu jhallas lill-attrici s-somma fuq indikata ta' elf, tliet mija, u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm1,375), il-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attrici, jekk dan ghadu ma sarx, salott, *wall-unit*, zewg *spare bedrooms*, u kamra tal-ikel.

Illi l-beni parafernali tal-konvenut jikkonsistu fid-dar taz-zwieg "Mike Vic", Flat 3, Ganni Vella Street, Mosta, u din ghandha tibqa' tal-konvenut, salv li fil-konfront tal-konvenut ghandhom jibqghu japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 55A u 3A tal-Kap 16,** b'dan li l-istess konvenut ma jistghax jittrasferixxi l-istess fond indiviz tal-fond matrimonjali u d-dar taz-zwieg, kif deskritt fl-att pubbliku datat 19 ta' Jannar 1988 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri, hlief kif provdut fl-istess artikoli fuq indikati, u tali ordni ghandha tigi registrata mill-attrici a spejjez tal-konvenut kollox kif provdut fl-**artikolu 55 A (3) tal-Kap 16.**

Illi d-dejn kollu gravanti l-istess immobbli jibqa' a karigu esklussiv tal-konvenut, inkluz dak dovut lill-Lohombus Corporation Limited jew is-successuri fit-titolu taghha, u

kull debitu iehor, inkluz tat-telefon u dovut lill-Maltacom Limited, u dak dovut lill-Public Broadcasting Service in konnesjoni mal-istess fond.

5. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-artikoli relevanti tal-**Kodici Civili** u senjatament fl-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

6. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla, huma kollha a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2002**